

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Frar 2011 — AX vs Il-BĊE

(Kawża F-7/11)

(2011/C 152/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: AX (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-BĊE li permezz tagħha r-rikorrent ġie sospiż b'effett mill-5 ta' Awwissu 2010 u talba għad-danni.

Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob li l-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BĊE tal-4 ta' Awwissu 2010 li permezz tagħha r-rikorrent ġie sospiż b'effett mill-5 ta' Awwissu 2010;
- konsegwentement, tordna r-riintegrazzjoni tar-rikorrent fil-funzjoni tiegħu flimkien mal-informazzjoni adegwata pprovduta lill-pubbliku sabiex ir-reputazzjoni tiegħu terġa' tkun bħal ma kienet.
- fi kwalunkwe, każ, tordna l-kumpens għad-danni morali subiti mir-rikorrent stmati *ex aequo et bono* għal EUR 20 000.
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Frar 2011 — Sabbag Afota vs Il-Kunsill

(Kawża F-9/11)

(2011/C 152/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Veronica Sabbag Afota (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li ma tippromwovix lir-rikorrenti għall-grad ta' AD 11 fil-proċedura ta' promozzjoni 2010.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2010, li tiċħad l-ilment kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li ma tippromwovix lir-rikorrenti għall-grad ta' AD 11 matul din il-proċedura;
- safejn huwa meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tat-tieni evalwatur li tistabbilixxi ir-rapport finali tar-rikorrenti għall-perijodu ta' evalwazzjoni 2008-2009 u d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tas-26 ta' April 2010, li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad ta' AD 11 fil-proċedura ta' promozzjoni 2010.
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2011 — Nicolas Katrakasas vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-24/11)

(2011/C 152/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Nicolas Katrakasas (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li ma jidherx isem ir-rikorrent fuq il-lista ta' riżerva fil-kuntest tal-kompetizzjoni COM/INT/OLAF/09/AD8.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, tal-11 ta' Mejju 2010, li tikkonferma, wara eżami mill-ġdid, id-deċiżjoni tiegħu tad-9 Marzu 2010 li ma jinkludix lir-rikorrent fuq il-lista ta' riżerva fil-kuntest tal-kompetizzjoni interna "COM/INT/OLAF/09/AD8 — Diretturi li jispeċjalizzaw fil-ġlieda kontra l-frodi";
- tannulla, safejn huwa meħtieġ, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-25 ta' Novembru 2010, li tiċħad l-ilment;
- tannulla l-lista ta' riżerva sa fejn din ma tinkludix l-isem tar-rikorrent u d-deċiżjonijiet kollha meħuda abbażi tagħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.